

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) NRU 1011/2011

tat-13 ta' Ottubru 2011

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011<sup>(2)</sup> dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.
- (2) Fit-2 ta' Settembru 2011<sup>(3)</sup>, il-Kunsill emenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 biex jestendi l-miżuri kontra s-Sirja, inkluża espansjoni tal-kriterji tal-elenkar, u projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni taż-żejt mhux maħdum mis-Sirja. Fit-23 ta' Settembru 2011<sup>(4)</sup> il-Kunsill reġa' emenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 biex jestendi aktar il-miżuri kontra s-Sirja, biex jinkludi projbizzjoni fuq l-investiment fis-setturi taż-żejt mhux maħdum, iż-żieda ta' aktar elenkar, u projbizzjoni fuq twassil ta' flus tal-karta u muniti lill-Bank Ċentrali tas-Sirja.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK<sup>(5)</sup> li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK tipprevedi miżura addizzjonali, jiġifieri l-elenkar ta' entità oħra, flimkien ma' deroga li tippermetti għal perjodu limitat, l-użu tal-fondi ffriżati rċevuti sussegwentement minn dik l-entità b'konnessjoni mal-iffinanzjar ta' kummerċ ma' persuni jew entitajiet mhux magħżulin.
- (4) Dik il-miżura taqa' fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa sabiex tiġi implimentata, partikolarmen bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(5) Sabiex jiġi garantit li l-miżura prevista f'dan ir-Regolament tkun effettiva, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħi minnufihi mal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikoli 4(1), 4(2), 5(2) u 5(3) u l-punt (a) tal-Artikolu 6, il-kliem "Anness II" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Anness II u Ila";
- (2) fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 7 u fl-Artikoli 9 u 14(1) il-kliem "Anness II" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Anness II jew Anness Ila";
- (3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
  - “1. L-Anness II u Ila għandhom jikkonsisti f'dan li ġej:
    - (a) L-Anness II għandu jikkonsisti minn elenku ta' persuni fiziċċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, fkonformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK ikunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala persuni u entitajiet responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni cивili fis-Sirja, persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew isostnu lir-reġim, u persuni fiziċċi jew ġuridiċi u entitajiet assoċjati magħhom, u li għalihom m'għandux jaapplika l-Artikolu 9a.
    - (b) L-Anness Ila għandu jikkonsisti minn elenku ta' entitajiet li, fkonformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala entitajiet assoċjati ma' persuni jew entitajiet responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni cивili fis-Sirja, jew ma' persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew isostnu lir-reġim, u li għalihom għandu jaapplika l-Artikolu 9a.”
- (4) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
  - “4. Il-listi fl-Anness II u Ila għandhom jiġu riveduti fintervalli regolari u tal-inqas kull 12-il xahar.”;

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 (ĠU L 228, 3.9.2011, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 950/2011, (ĠU L 247, 24.9.2011, p. 3).

<sup>(5)</sup> Ara paġna 33 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(4)</sup> Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-listi fl-Anness II u Ila għandhom jiġu riveduti fintervalli regolari u tal-inqas kull 12-il xahar.”;

(5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*Artikolu 9a*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(1), entità elenkata fl-Anness IIa tista', għal perjodu ta' xahrejn mid-data li fiha hija tkun ġiet identifikata, tagħmel pagament mill-fondi ffriżati jew mir-riżorsi ekonomiċi li din l-entità tkun irċeviet wara d-data li fiha hija ġiet identifikata, sakemm:

- (a) tali pagament ikun dovut b'riżultat ta' kuntratt ta' negozju; u
- (b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti tkun iddeterminat li l-pagament ma jkunux se jirċevuh, direttament jew indirettament, persuna jew entità elenkata fl-Anness II jew fl-Anness IIa.”.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2011.

*Artikolu 2*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 442/2001 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

It-test tal-Anness I għal dan ir-Regolament għandu jiġi inserit bħala l-Anness IIa għar-Regolament (UE) Nru 442/2011.

*Artikolu 4*

It-test tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa b'dan sostitwit bl-Anness III għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

ANNESS I

“ANNESS IIa

**Listo ta' entitajiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 5**

**Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta' inklużjoni fil-lista
1.	Commercial Bank of Syria	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Damascus Branch, P.O. Box 2231, Moawiya St., Damascus, Sirja; P.O. Box 933, Yousef Azmeh Square, Damascus, Sirja;</li> <li>— Aleppo Branch, P.O. Box 2, Kastel Hajjarin St., Aleppo, Sirja;</li> </ul> <p>SWIFT/BIC CMSY SY DA; l-uffiċċji kollha fid-dinja            Sit web: <a href="http://cbs-bank.sy/En-index.php">http://cbs-bank.sy/En-index.php</a>            Tel: +963 11 2218890            Fax: +963 11 2216975            amministrazzjoni ġeneral: dir.cbs@mail.sy</p>	Bank tal-istat li jipprovd iappoġġ finanzjarju lir-reġim.	13.10.2011”

## ANNESS II

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 442/2011, l-entrati għal Emad GHRAIWATI, Tarif AKHRAS u Issam ANBOUBA huma sostitwiti b'dawn l-entrati:

"Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni (id-data tat-tweliż, il-post tat-tweliż ...)	Raġunijiet	Data tal-elenkar
Emad GHRAIWATI	Data tat-tweliż Marzu 1959; Post tat-tweliż: Damasku, is-Sirja;	President tal-Kamra tal-Industrija ta' Damasku (Zuhair Ghraiwati Sons). Jappoġġja ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.9.2011
Tarif AKHRAS	Data tat-tweliż 1949; Post tat-tweliż: Homs, is-Sirja	Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika), Homs. Jappoġġja ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.9.2011
Issam ANBOUBA	Data tat-tweliż 1949; Post tat-tweliż: Lattakja, is-Sirja	President tal-Issam Anbouba Est. għall-agroindustria. Jappoġġja ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.9.2011"

## ANNESS III

## "ANNESS IV

**Lista tal-Prodotti taż-Żejt Mhux Raffinat**
**Kodiċi tas-SA**      **Deskrizzjoni**

- 2709 00 Żjut miż-żejt mhux raffinat u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux raffinati:
- 2710 Żjut miż-żejt mhux raffinat u żjut miksuba minn minerali bituminużi, għajr dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet mhux spċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, li skont il-piż ikunu 70 % jew aktar ta' żjut taż-żejt mhux raffinat jew ta' żjut miksuba minn minerali bituminużi, fejn dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet; skart taż-żjut (ħlief għax-xiri fis-Sirja, ta' pitrolju, fjuwil tal-avjazzjoni kodiċi NM 2710 19 21 li mhuwiex projbit, sakemm ikun hemm l-intenzjoni, u jkun se jiġi użat biss, għall-iskop li l-ajruplan mgħobbi biżżepp kompli f'titjirtu).
- 2712 Vażelina; xema' tal-paraffina, xema' mikrokristallina taż-żejt, xema' nofsha raffinata b'kontenut għoli ta' żejt (slack wax), ożokerit, ix-xema' tal-linjite, ix-xema' tal-pit, xemgħat oħra minerali u prodotti simili miksuba permezz ta' sinteżi jew permezz ta' proċessi oħrajn kemm jekk ikkulurit kif ukoll jekk mhumiex.
- 2713 Kokk taż-żejt mhux raffinat, qatran taż-żejt mhux raffinat u fdalijiet oħrajn ta' żjut miż-żejt mhux raffinat jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi.
- 2714 Bitum u asfalt, naturali; shale tal-bitum jew taż-żejt u ramel taż-żift; asfaltiti u blat tal-asfalt.
- 2715 00 00 Taħlitiet bituminużi bbażati fuq asfalt naturali, fuq bitum naturali, fuq bitum taż-żejt mhux raffinat, fuq żift minerali jew żift tal-qatran minerali (pereżempju, gomom bituminużi, cut-backs)."